# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Nru. : 197/97

Miriam Micallef

vs

Malta Shipbuilding Company Limited

Illum 10 ta’ Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta` Mejju, 1987 u l-15 ta` Mejju, 1995, u b`mod aktar preciz bejn Frar u Dicembru 1993 hija sofriet ingustizzja billi nghatat nuqqas fil-paga b`konsegwenza ta’ "downgrading".

Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej :

Il-kaz taghha beda meta hi, ghamlet zball, zball li pattiet ghalih hafna aktar milli kien jixiraqilha. L-izball taghha kien li ttajpjat ittra personali fuq it-typewriter tax-xoghol waqt il-hin tax-xoghol. Bejn April 1987 sa Gunju 1992 kienet il-Personal Assistant tas-Sur Brincat li kien ic-Chairman tal-Malta Shipbuilding Company Limited. F' Gunju 1992 hija giet sostitwita mis-Sur Albert Mizzi li dan gab is-segretarja tieghu u ghalhekk ghalkemm lilha hallewha bl-istess titlu tawha xoghol ta` segretarja tac-Chief Executive is-Sur Karmenu Farrugia.

F`Jannar 1993 ittajpjat ittra personali fuq it-typewriter tax-xoghol. Din l-ittra kienet ghas-Sur Brincat li kellu bzonnha malajr ghax ried jehodha ghal pubblikazzjoni. Ma kellhiex hin taghmilha d-dar u ghalhekk ghazlet li taghmilha x-xoghol. Fit-8 ta` Frar 1993 is-Sur Karmenu Farrugia gharrafha li l-Management sar jaf b`dan. Kif u meta ndunaw qatt ma zvelaw ghalkemm illum il-gurnata ghandha hjiel tajjeb ghax certu diskors minn Manwel Micallef (dak iz-zmien PRO tal-kumpanija). Hi mill-ewwel ammettiet izda dawn bdew izidulha hafna aktar akkuzi infondati biex jippruvaw jiggustifikaw azzjonijiet korretti li hadu kontra taghha kif jidher hawn taht:

1. Dak in-nhar stess gieghluha tiehu tlett ijiem "forced leave" minn tieghi. Meta regghet dahlet ghax-xoghol fil-15 ta` Frar, 1993 giet trasferita post iehor. Hi rat dan accettabbli. Izda fit-18 ta` Frar, 1993 irceviet ittra minghand il-"Personnel Manager" fejn qalilha li b`effett mid-9 ta` Frar 1993 giet ukoll "downgraded" b`zewg levels, jigifieri minn level VI ghal level IV. Dawn hadu

passi dixxiplinarji kontra taghha minghajr qatt ma ressquha quddiem il-Bord tad-Dixxiplina skond "ir-regolamenti tal-1989 dwar il-Malta Shipbuilding Company Limited (Procedura tad-Dixxiplina) Dok “A” u bdew isehhu mit-22 ta` Mejju, 1989."

2. Kellha tinsisti hi stess bl-ghajnuna tal-Union biex tidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ghax ma kellhiex mod iehor kif tista` tiddefendi ruhha minn akkuzi ohra li bdew jivvintaw.

3. Il-Bord tad-Dixxiplina ma kienx gust meta :

a. Qatt ma ta kaz li l-Management ma mexiex mal-proceduri kif suppost u ma tax kaz il-klawsola 9 tar-regolamenti tad-dixxiplina Dok “A” "Kull impjegat li jsirlu rapport jew 'charge' mis-superjuri tieghu jkun infurmat b`dan bil-miktub u jkun mitlub sabiex jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Ir-rapport ghandu jsir bil-miktub fi zmien jumejn (2) mill-mument li jigi stabbilit li twettaq in-nuqqas jew reat u jinghata lill-ufficjal inkarigat mill-Personnel Section. L-impjegat ghandu jitressaq quddiem il-Bord tad-Dixxiplina mhux izjed tard minn hmistax (15)-il jum wara. F`kaz ta` sospensjoni tal-kaz ghandu jinstema` mhux aktar tard minn tlett (3) ijiem mill-hrug tac-charge".

b. Qatt ma ta kaz li c-Chief Executive stess fix-xhieda tieghu qal, "Ahna ssuspettajna li harget xi informazzjoni. Mhux jien issuspettajt, haddiehor issuspetta. Ma kelli ebda raguni fejn nissuspetta jew ma nissuspettax. Jiena ma rrizultali l-ebda suspett."

c. Qatt ma ta kaz li hi mill-ewwel ammettiet il-htija taghha u ta’ dan hemm il-klawsola numru 10 tar-Regolamenti tad-dixxiplina Dok “A” fejn tghid : "L-akkuzat jista` jaghzel li lew jammetti ghall-akkuza migjuba kontrih jew li jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Ser ikollu tlett (3) ijiem cans biex jiddeciedi x`jippreferi. Jekk jaghzel li jammetti jinghata l-inqas penali li tapplika fil-Kodici.

d. Qatt u fl-ebda hin ma taw kaz il-kondotta nadifa li kellha kemm kienet ilha tahdem mal-Kumpanija, meta hi kienet taf li kull haddiem li kien jidher quddiem il-Bord kien dejjem jinghata importanza.

4. Biex il-Bord tad-Dixxiplina pprova jirranga l-izball li sar mill-Management meta dan ha passi dixxiplinarji qal li "d-downgrading" li nghatat jibda jghodd mill-24 ta` Marzu 1993 u mhux mid-9 ta` Frar, 1993. Ghalhekk skond din id-decizjoni hi kellha tiehu lura d-differenza ta` LM 86.94. Dan l-ammont ghalkemm spiccat tahdem mill-Kumpanija tlett snin u nofs ilu ghadhom s’ issa qatt ma tawhomlha avolja b`ordni u b`decizjoni tal-Bord.

5. Il-Bord tal-Appell ipprova wkoll jirranga l-izball tal-Management billi tefa` l-izball fuqha ghax talbet hi stess biex nidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Izda hi dan ghamlitu ghax ma kellhiex mod iehor kif setghat tiddefendi ruhha.

6. Spiccat mill-impjieg mal-Kumpanija fl-ahhar tas-sena 1993 u fic-certifikat tat-tmiem tal-impieg kitbu li hi kienet tahdem biss bhala "shorthand typist" meta fil-fatt ghamlet 5 snin "Personal Assistant" tac-Chairman u 9 xhur "shorthand typist" b`konsegwenza ta` l-ingustizzja. Dan jista` jaffetwa ukoll il-karriera futura kollha taghha.

7. Dan il-kaz sar kollu meta hi kienet bejn tliet xhur (meta beda l-kaz) u tmien xhur (meta spicca l-kaz) tqila bl-ewwel tarbija taghha. Hadd qatt ma ta kaz dan il-fatt biex forsi jnaqqsu flok izidu l-gravita` tal-kaz bhala att umanitarju.

Illi hija kien bi hsiebha ggib biex issostni l-ilment taghha lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta` kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta` 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta` Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f`ammont ta` LM 753.59 id-differenza mnaqqsa mill-paga mid-9 ta` Frar, 1993 sa l-ahhar tas-sena 1993. L-ammont fi flus ta` tlett ijiem paga "forced leave". Jitranga c-certifikat ta` tmien ta` l-impjieg. U LM1000 tad-danni.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-istess Socjeta` Malta Shipbuilding Co. Ltd. li biha eccepiet:

1] illi mill-kontenut tar-rikors ghandu jkun ovvju illi l-lanjanza tar-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fid-dispost tal-Artikolu 6 tal-Att Numru VIII tal-1997 u ghalhekk dan it-Tribunal huwa inkompetenti "ratione materiae" biex jiehu konjizzjoni tieghu;

2] L-azzjoni li ttiehdet mill-kumpanija di fronte ghar-rikorrenti kienet konsegwenti ghall-mizuri dixxiplinarji fil-konfront taghha. Ir-rikorrenti, kontrarjament ghal dak minnha allegat, inghatat l-opportunita` shiha biex tiddefendi ruhha f`dawn il-proceduri;

3] Illi lanqas ma jidher fis-sustanza illi dan it-Tribunal jista` jakkorda l-hlas ghad-differenza fil-paga mid-9 ta` Frar, 1993 sal-ahhar ta` dik is-sena anke ghaliex, civiliter, it-talba taghha hi preskritta. Dippju` dan it-Tribunal ma jistax iservi bhala sostitut tal-Qrati ordinarji fejn l-applikant, li ma jkunx pprosegwixxa dritt li jghid li ghandu bil-mezzi ordinarji, jirrikorri ghandu wara d-dekorriment taz-zmien u tar-rimedji prospettati f`ligijiet ohra;

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta’ intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fl-4 ta' Marzu 1999 dan it-Tribunal iddecieda dwar l-ewwel eccezzjoni fis-sens li cahad l-istess eccezzjoni u qies li d-downgrading jaqa' fil-parametri tal-Att VIII tal-1997 u qies ruhu kompetenti "ratione materiae".

Illi fid-19 ta' Mejju 1999 ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament il-fatti msemmija fir-rikors.

Xehed Saviour Brincat li semma li kien hemm zmien li kien Chairman tal-Malta Shipbuilding u li in segwitu kien hemm xi kumplikazzjoni fil-gazzetti. Semma li precedentement ir-rikorrenti kienet personal assistant tieghu. Ghamel hand written u ghaddieha lir-rikorrenti biex tittajpajhielu. Dan kien fi zmien li ma kienx ghadu chairman u ghalhekk hi ma kenitx ghadha personal assistant tieghu izda fuq kuntatt personali, bi pjacir personali, kien talabha biex tittajpjahielu. Ir-rikorrenti kienet ghadha tahdem mas-socjeta` intimata meta ttajpjat l-ittra. Hu kien taha l-ittra biex tittajpaha privatament. Effettivament xi zmien wara qaltlu li kienet dahlet fl-inkwiet dwar il-bicca xoghol u li kienu qalulha li ttajpjat ix-xoghol, waqt il-hin tax-xoghol u b` typewriter tax-xoghol.

Jaf li ttiehdu proceduri dixxiplinari interni kontra taghha. Bicciet minnhom fil-fatt ma gewx ippruvati u kellhom ihallsuha lura ta` xi affarijiet.

Xehed Maurice Caruana li llum irtirat izda ghandu l-kariga ta' konsulent tal-Ministru tal-Gustizzja fuq Kunsilli Lokali kif ukoll

Chairman tal-VAT Appeals Board. Bejn l-1980 u l-1993 kien Segretarju tal-Board tal-Malta Shipbuilding Company Limited. Semma li meta s-Sur Saviour Brincat kien inhatar Chairman tal-Malta Shipbuilding Company Limited kien gab mieghu s-segretarja privata li kellu l-Malta Drydocks u cioe` r-rikorrenti. Dwar il-kaz tar-rikorrenti kien gie mahtur bhala chairman tal-bord tad-dixxiplina. Ikkonferma r-rapport li jinsab esebit fil-process.

**KONKLUZJONIJIET:**

I. Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrenti f'hin ix-xoghol u bit-typewriter tas-socjeta' intimata ittajpjat ittra tal-ex-Chairman tal-kumpanija li kienet harxa hafna kontra l-istess kumpanija u li giet pubblikata;

II. Ir-rikorrenti kienet tokkupa l-kariga ta' Personal Assistant tac-Chief Executive Officer;

III. Hi mill-ewwel ammettiet dan;

IV. Gaghaluha tiehu tlitt ijiem forced leave;

V. Giet trasferita;

VI. Giet downgraded zewg levels;

VII. Dan sar qabel ma resqet quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u minghajr ma kien ghada harget akkuza fil-konfront taghha;

VIII. Dan sar kontra r-Regolamenti tad-Dixxiplina; kella tkun il-Union li tinsisti li r-rikorrenti titressaq quddiem il-Bord; il-procedura stabbilita ma gietx segwita; ir-rikorrenti inghatat kastig minghajr ma kienet tresqet quddiem il-Bord; f'termini finanzjarji dan wassal ghal telf ta' LM753;

IX. Il-Bord tad-Dixxiplina sab lir-rikorrenti hatja ta' komplicita' attiva fil-pubblikazzjoni ta' artikolu ingurjuz u

zewg membri qablu li r-rikorrenti ma ghandiex tibqa' zzomm il-kariga ta' Personal Assistant mid-data tal-hrug tac-charge – l-24 ta' Marzu, 1993;

X. Il-Membru l-iehor sostna li d-Dixxiplina kollha ghandha tghaddi minn dak il-Bord; u li f'karigi gholja dawn ghandhom id-dritt jaghzlu lill-Personal Assistant taghhom u dawn jinghataw allowance; dan ifisser li jistghu jigu mnehhija minn-nies tal-grad gholi u dawn jitilfu l-allowance;

XI. Xorta wahda wara d-decizzjoni tal-Bord li biddel id-data tad-downgrading hi ma inghatax lura l-ammont ta' LM 86; id-data mposta mic-Chief Executive kienet 9 ta' Frar 1993 waqt li c-Charge hareg fl-24 ta' Marzu, 1993 – kontra r-regolament 9;

XII. Hemm id-decizzjoni tal-Bord tal-Appell a fol 25-29.

Dan it-Tribunal ma ghandu ebda dubbju li r-rikorrenti ghamlet hazin hafna b'dak li ghamlet. Meta tkun Personal Assistant ta' xi hadd specjalment fi grad gholi ghandek obbligi kbar ta' fiducja u dawn huma minhabba li tali persuna tkun tgodi fiducja dwar affarijiet delikati. U ghalhekk dak li ghamlet hi jassumi importanza qawwija. Id-decizzjoni li titnehha minn Personal Assistant hija gusta.

Izda kien gust il-mod kif saru l-affarijiet? Jirrizulta li ma gewx segwiti r-regoli tad-Dixxiplina. Dak li jsir mhux skond ir-regoli certament ma hux gust. Izda wara dahlet id-decizzjoni tal-Bord. Dan it-Tribunal xorta wahda pero' mhux kuntent li l-ewwel sar

dak li sar u wara ittiehdu d-decizzjonijiet tal-Bord u tal-Appell. Ukoll ghaliex ir-rikorrenti ma inghatatx l-ammont ta' LM86 mill-1993 sal-lum.  Hawn fil-fehma tat-Tribunal hawn ingustizzja kif imsemmi fid-diversi aspetti ta' dan il-paragrafu.

It-tieni eccezzjoni ma tistax tigi milqugha ghax kuntrarjament ghal dak sottomess ir-regoli dwar il-proceduri ma gewx segwiti.

L-intimat prova jsostni l-preskrizzjoni.  Din mhux applikabbli ghax hawn mhux qedghin nithallsu fuq kundanna hlas ta' kreditu dovut izda kumpens ta' ingustizzja li skond il-ligi Att VIII tal-1997 hi applikabbli.  Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' LM250 – mitejn u hamsin lira.

Spejjez kontra s-socjeta' intimata.